**28 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M.., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M, B.Litt., LL.D.**

**Joseph Lungaro Mifsud ne.**

*versus*

**Joseph Polidano**

**Provi — Xhieda kontra l-Miktub.**

*Hija regola tradizzjonali illi kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba. Imma din ir-regola għandha l-eċċezzjonijiet tagħha; u fost dawn l-eċċezzjonijiet hemm dik meta wieħed ikun irid jipprova illi kien hemm ftehim verbali li jammonta għal kondizzjoni li subordinatament għalħa saret il-konvenzjoni miktuba, u li minnha tiddependi l-eżekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni.*

Il-Qorti: Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi bl-iskrittura tad-19 ta' Mejju 1959 (li kopja tagħha hija eżibita maċ-ċitazzjoni markata dokument "A", u l-oriġinal, li għalieh issir umili riferenza, jinstab fl-atti tal-proċess kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Loreta Polidano" pendenti quddiem il-Qorti Kriminali Tagħna sedi tal-Appell, u differita għat-30 ta' Mejju 1960) il-konvenut obliga ruħu li jirrifondi l-ammont ta' £485. 4. 0d korrispondenti għas-somma li tħallset mill-attur nomine lil Loreta Polidano, mart l-istess konvenut, bħala assistenza soċjali taħt l-Att numru VIII tal-1956; liema somma tħallset fuq dikjarazzjonijiet ġuramentati li bihom kien jaf il-konvenut, u li in segwitu rriżultaw foloz; illi r-rifużjoni kellha ssir per mezz ta' pagamenti mensili ta' £1 l-wieħed, l-ewwel pagament dovut fil-31 ta' Mejju 1959, b'dan illi l-konvenut kellu d-dekadenza mill-benefiċċju tal-mod u tat-terminu fil-każ ta' nuqqas ta' żewġ pagamenti konsekuttivi; illi l-konvenut ħallas biss rata waħda ta' lira sterlina, fil-15 ta' Ġunju 1959, u naqas milli jħallas ir-rati l-

oħra, avvolja nterpellat anki b'ittra uffiċjali tal-21 ta' April 1960 (dok. B); talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenut iddekada mill-benefiċċju tal-mod u tat-terminu lilu konċess għall-pagament skond l-iskrittura fuq imsemmija dokument "A'; u konsegwentement jiġi kundannat iħallas lill-attur, fil-kwalità tiegħu premessa, is-somma ta' £484. 4. 0d, bilanċ ta' £485. 4. 0d li huwa obliga ruħu li jirrifondi bl-imsemmija skrittura. Bl-interessi tas-6% fis-sena mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' April 1960; u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-15 ta' Ġunju 1960 (fol. 14), li bih irrespinġiet it-talba tal-konvenut li jkun ammess iġib provi orali biex isostni li huwa ffirma l-obligazzjoni "de qua" fuq il-promessa espliċita li ma jittieħdux passi kriminali kontra martu;

Rat ir-rikors li bih il-konvenut appella mid-digriet fuq imsemmi u talab li jiġi revokat, u li hu jiġi ammess jagħmel il-prova offerta; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti huma, brevement, dawn. Id-dipartiment governattiv tal-Assistenza Soċjali allega li mart il-konvenut ħadet indebitament is-somma ta' £485.4.0d. in segwitu għal dikjarazzjonijiet foloz. Il-konvenut assuma d-debitu hekk allegat, u ffirma l-obligazzjoni li kopja tagħha hemm fol. 5. Peress li naqas mill-ħlas rateali premess, għalhekk id-Dipartiment istitwixxa dan il-ġudizzju, fejn talab kontra l-konvenut id-dekadenza mit-terminu konċess u l-kundanna għall-ħlas globali. Il-konvenut, fost eċċezzjonijiet oħra, ikkontesta d-domanda billi qal li l-obligazzjoni ġiet minnu kontratta bil-kondizzjoni mifthema li ma jsirux proċeduri kriminali kontra martu, liema kondizzjoni ma ġietx adempjuta mill-attur (fol. 9). Ma hux kontrastat li

fil-fatt dawn il-proċeduri kontra mart il-konvenut saru, u jinsabu pendenti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha r-Reġina (sedi tal-Appell);

Ikkunsidrat, kwantu għall-aspett legali;

Ma hemmx dubju illi r-regola tradizzjonali li "contra scriptum testimonium non fertur testimonium non scriptum" oriġinanti din ir-regola mill-Lex Prima, Cod. "De Testibus' — "ne testes recipiantur contra tabulas" — hi akkolta mid-dottrina u l-ġurisprudenza, lokali u estera;

Però, kif opportunament osservat din il-Qorti fil-kawża "Muscat vs. Fiteni", 17 ta' Jannar 1917, Vol. XXIII-I-870, "la ragione stessa della regola ne segna i limiti . . . . ."; u għalhekk hemm anki l-eċċezzjonijiet (ara Kollez. Vol. XXXVI-I-123);

Il-ġurisprudenza tagħna fuq din il-materja hija pjuttost bażata (kif jidher anki miċ-ċitazzjoni tal-Powell, On Evidence, fis-sentenza fuq ċitata "Muscat vs. Fiteni", fuq id-dottrina u l-ġurisprudenza ngliża;

Issa, it-Taylor, On Evidence, wara li enunċja r-regola (li, kif jesprimi ruħu "may be traced back to a remote antiquity") fis-sens li "parol testimony cannot be received to contradict, vary, add to or subtract from, the terms of a written instrument" (Vol. II, para. 1132, paġ. 811), jgħaddi biex jittratta dwar il-limitazzjonijiet tal-istess regola u l-eċċezzjonijiet li jidderogawha; u fil-para. 1135 jipprosegwi jgħid, bi kliem li jattaljaw ruħhom b'eżattezza għall-każ attwali:— "Still less does the rule exclude evidence of an oral agreement which amounts to a condition subject to which the written agreement has been entered into, and subject to which the performance of the written is to depend";

Issa, il-konvenut f'din i-kawża talab appuntu li jipprova li, qabel jew meta ġie biex jiffirma l-obligazzjoni, kien hemm il-kondizzjoni, ossija l-patt verbali, li, jekk hu jassumi d-debitu, allura ma jsirux proċeduri kriminali kontra

martu, mentri dawn il-proċeduri saru. Għalhekk din il-Qorti tirritjeni li l-prova ta' dik il-kondizzjoni, ossija patt orali, hija ammissibbli, a norma tal-prinċipju fuq enunċjat; fis-sens illi r-regola li kontra l-miktub ma hix ammissibbli prova orali hija derogata, "inter alia", meta si tratta ta' prova ta' ftehim verbali li jammonta għal kondizzjoni li subordinatament għaliha saret il-konvenzjoni bil-miktub, u li minnha tiddependi l-eżekuzzjoni ta' din il-konvenzjoni;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka d-digriet appellat, u tammetti l-konvenut li jġib il-provi orali msemmijin fol. 11 għall-oġġett hemm indikat. L-ispejjeż, tant tal-ewwel kemm tat-tieni istanza, jitħallsu mill-attur nomine;

Tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Onorabbli Qorti tal-Ewwel Grad għall-kontinwazzjoni tal-kawża.